# Id-Disgrazzja tal-Ħaddiema tal-Faħam Żwieten 1858

**Kitba ta' Carmelo Baldacchino**

## Tbatija tal-Ħaddiema tal-Faħam

Il-Ħaddiem ta' bla sengħa minn dejjem kellu jbati biex jara kif jaqla' xi ħaġa għalih u għall-manteniment tal-familja tiegħu. Ta' kull filgħodu kien irid iqum kmieni ħafna u jibda jiġġerra fuq il-lantijiet tax-xogħol jew fir-raba' biex jara jekk hemmx bżonn ta' xi ħaddiem! Kienet ħaġa komuni ħafna li bosta Żwieten jerħulha bil-mixi għall-Marsa, ix-Xatt tal-Belt jew l-Imsida, biex jaraw isibux xi xogħol għalihom, imqar għal dak in-nhar. Kien hemm oħrajn li kienu jkunu magħqudin fi grupp imsejjaħ il-"gaj" ta' dak jew l-ieħor. Dawn ta' l-aħħar tista' tgħid li kien ikollhom xogħol fiss, billi jgħabbu jew iħottu xi bastiment qamħ jew faħam. Minn dawn kien hemm numru mhux ħażin ta' Żwieten, li rnexxielhom irabbu l-familja tagħhom minn dan ix-xogħol. Ix-xogħol tal-faħam beda jmajna meta l-bastimenti bdew jaħdmu biż-zejt. Hekk ukoll bdew jaħdmu l-magni ta' l-enerġija. Il-faħam beda jitlef mill-importanza tiegħu f'nofs is-snin ħamsin, meta kont tara ħafna rġiel tard filgħaxija ġejjin imġiddmin kollha faħam, hekk li kienu jkunu suwed bix-xogħol. Dawn il-ħaddiema, wara ġurnata xogħol, ma kienux jistgħu jirkbu l-karozza tal-linja biex ma jħammġux il-karozza u l-passiġġieri l-oħra!

## Imħażen tal-faħam tal-Pieta`

Il-ġrajja li ltqajt magħha dan l-aħħar teħodna 'l-bogħod aktar minn meta bdew jaħdmu l-karozzi tal-linja jew xi għamla ta' trasport ieħor mekkaniku. Il-ħaddiema kien ikollhom imorru bil-mixi, jew min kien ikollu b'xi bhima bil-karretttun, jew isibu xi rikba fuq xi "nomnibus" miġbud minn żiemel li jkun sejjer lejn id-direzzjoni tagħhom, speċjalment lejn ix-Xatt tal-Marsa, il-Port il-Kbir jew tal-Pieta`.

F'Tal-Pieta` kien hemm imħażen tal-faħam tal-*Peninsular and Oriental Co. (P & O)*. Dawn il-ħaddiema, li kienu jsejħulhom "tal-faħam", billi l-aktar li kienu jaħdmu kien il-ġarr tal-faħam minn fuq xi bastiment li jidħol fil-port tagħna, ġieli kien ikollhom xogħol doppju, meta l-bastiment kien iżomm 'il barra minħabba li ma jkunx hemm spazju mal-moll jew minħabba l-maltemp. Allura kien ikollhom iħottuh għal fuq braken u wara jerġgħu jħottu l-barkun għal ġol-maħżen. Dan ix-xogħol kien isir billi jkun hemm min jimla' l-qfief u oħrajn iġorru l-faħam għal ġol-maħżen.

Kienet il-ġurnata tas-Sibt, 17 ta' Lulju, 1858, meta bħas-soltu numru ta' ħaddiema marru f'Tal-Pieta` qrib l-Imsida, li dak iż-żmien kienet għadha mhix popolata ħafna, anqas ma kienet għadha saret parroċċa. Fejn marru jaħdmu mal-Kumpanija ***P&O*** fil-***Coal Stores*** kien sa ftit snin ilu hemm it-***Torpedo Depot***. Hemm il-kumpanija kellha għaxart imħażen imissu ma' xulxin b'ħajt diviżorju ta' żewġ piedi, jifred maħżen minn ieħor. Dawn l-imħażen kienu jikkonsistu f'ħajt għoli 22 pied, b'wesgħa ta' 25 pied u fond ta' 99 pied kull wieħed, u ma kienux imsaqqfa. Kull maħżen kien jesa' bejn l-1100 u l-1200 tunnellata ta' faħam.

## Mewt għall-għarrieda

Dawn l-imħażen kienu jiġu mimlijin permezz ta' parank minn fuq il-vapur għal ġo fihom, meta t-temp kien jippermetti, u jiġu mbattla skond il-ħtieġa billi dak iż-żmien l-enerġija kienet tiddependi għal kollox mill-faħam. Il-**Maħżen Nru. 8** kien fadallu ftit faħam ġo fih. Għalhekk il-ħaddiema ġew ordnati biex ikomplu jbattluh. Waqt li kienu qed jagħmlu dan, għall-ħabta tal-10.45 a.m. il-ħajt li kien jissepara l-imħażen Nru. 7 u Nru. 8 ċeda. **Maħżen Nru. 7**, kien mimli sa fuq, u l-povri ħaddiema li nzertaw ġewwa maħżen Nru. 8 sfaw mirduma, billi ma kellhomx la ħin u lanqas minn fejn joħorġu. F'din il-parti kien hemm madwar għoxrin ħaddiem fuq il-lant waqt l-inċident. Kien hemm tnax

iġorru l-faħam minn ġewwa, waqt li t-tmienja l-oħra jneħħu l-faħam u t-trabijiet tiegħu li kien jaqa' quddiem il-passaġġ. It-tmienja li kienu quddiem id-daħla laħqu ħarbu meta raw il-ħajt jixpakka, imma l-oħrajn li kienu ġewwa ma kellhomx ħin jew mezz mnejn jaħarbu, billi kienu fil-parti ta' ġewwa. **Għaxar ħaddiema sfaw maqtula fuq il-post**, waqt li ieħor safa ferut serjament. Dan ta' l-aħħar irnexxielhom joħorġuh ħaj u malajr ħaduh l-isptar Ċentrali. Kien Carmelo Galea ta' 22 sena miż-Żejtun.

## Għajnuna pronta, iżda 'nutli

In-nies li kienu fil-qrib, flimkien mal-poplu ta' l-Imsida, malajr marru fuq il-post jagħtu l-għajnuna tagħhom. Ir-rappreżentanti tal-Aġent tal-Kumpanija Messrs. George Speeding u Mr. Edward Tonna malajr marru fuq il-post meta ħadu l-aħbar tad-diżgrazzja. Huma ħadu magħhom ukoll lit-tabib tal-kumpanija minn fuq il-vapur 'Panter'. L-ewwel raġel li daħal fil-maħżen kien Malti li kien qed jaħdem bid-dgħajsa u kien impjegat mal-kumpanija. Wara daħlu diversi rġiel, fosthom ukoll baħrin li kienu qrib ibattlu l-bastiment tagħhom għal ġol-imħażen l-oħra tal-kumpanija. Huma ħarġu l-ewwel żewġt iġsma bla ħajja. Fuq il-post kien hemm preżenti t-tabib tad-distrett Dr. Baldacchino biex jagħti l-ewwel għajnuna lill-feruti. Waslet ukoll l-għajnuna tal-kontinġent tar-*Royal Engineers*, magħmula minn ħamsin suldat immexxija minn Major Porter u Tenent Drake R.E. li ħadu taħt idejhom it-tmexxija tas-salvataġġ. L-ewwel ħaġa ordnaw lil kulħadd iwarrab minn ħdejn l-imħażen għaliex setgħet tiġri xi diżgrazzja oħra. Barra minn hekk ma kien hemm l-ebda tama li xi ħadd mill-vittmi mirduma seta' baqa' ħaj taħt dik il-kwantita` ta' faħam u trabijiet. Għalhekk ma riedux jissugraw aktar ħajjiet.

## Il-Vittmi Misjuba

Hawn bdiet il-ħidma biex jagħmlu puntali biex jinfurzaw il-ħitan tal-maħżen Nru. 6, 7 u 9 li kien fihom mijiet ta' tunnellati ta' faħam. Dan ix-xogħol kien meħtieġ li jsir qabel ma jibdew ineħħu l-faham minn maħżen Nru. 8 u hekk seta' jitkompla x-xogħol għat-tfittxija tal-vittmi. Sas-6.00p.m. ġew maħruġa ħames vittmi, u wara ftit aktar minn siegħa ħarġu l-kumplament. Il-kadavri tal-vittmi kienu jġibulek ħasra. Kienu kollha b'idejhom iżommu rashom biex jevitaw li l-faħam jaqa' fuq rashom, imma skond ir-rapport tat-tobba, dawn l-għaxar vittmi mietu kollha bi ksur ta' l-għadam ta' l-iskutella tar-ras flimkien ma ġrieħi u ksur ieħor bil-kwantita` ta' piż li waqa' fuqhom. Il-vittmi nstabu kollha fl-istess pożizzjoni u fl-istess post. Dawn il-ħaddiema kienu ftit mill-aħjar li kellha l-kumpanija u wħud minnhom kienu ilhom snin twal jaħdmu magħha.

Fost il-vittmi kien hemm ġuvni li kien ser jiżżewweġ l-għada, u flimkien miegħu safa vittma wkoll missier l-għarusa tiegħu. Tistgħu taħsbu x'sogħba ġarrbet dik il-familja! Ieħor kien għadu kemm iżżewweġ ftit tal-ġranet qabel. Dawn il-vittmi ħallew vojt kbir fil-familji tagħhom u fl-istess ħin fi bżonn kbir, billi




Pjanta ta' l-imħażen

l-manteniment tal-familji tagħhom kien jiddependigħal kollox minnhom. Hawn saret talba biex f'ċirkustanzi bħal dawn issir xi ħaġa għall-familji tal-vittmi.

## L-Inkjesta mill-Maġistrat

Ma jistax jonqos li nfetħet inkjesta mill-Maġistrat. Immexxija minn Dr. Harper, mgħejun minn diversi esperti. Din l-inkjesta bdiet is-Sibt wara nofs inhar u kompliet sat-Tlieta. Il-Maġistrat kellu jgħinuh lit-tobba Luigi Pisani, Gio Batta Ciaja, Vincenzo Micallef, C. Ghio u F. Calleja. L-Ispettur tal-Pulizija kien Giovanni Psaila.

Kienet ferm diffiċli biex setgħu jingħarfu l-vittmi l-ewwel għaliex kienu mimlijin u mċappsin bil-faħam u wkoll billi l-ġisem ġratlu ħsara kbira b'dawk it-tunnellati ta' faħam li waqa' fuqhom.

Il-Maġistrat Harper wissa lix-xhieda li l-qorti ser toqgħod fuq ix-xhieda tagħhom u għalhekk għandhom ikunu responsabbli u eżatti bil-ġurament dwar dak li ser jgħidu fuq sħabhom. Identifikawhom wieħed, wieħed, iżda dwar l-eta` ma kienux ċerti. Xi xhieda kienu Gio Maria Gauci ta' 37 sena, bin Carmelo miż-Żejtun; Carmelo Gauci ta' 41 sena, bin Carmelo miż-Żejtun; Ġużeppi Gatt ta' 40 sena miż-Żejtun; Franġisku Cassar ta' 25 sena miż-Żejtun; Mikiel Vella ta' 25 sena mill-Imsida.

## Lista Doloruża tal-Vittmi

Il-Vittmi Żwieten u wieħed mill-Imsida ser inġibuhom bil-familjari li ħallew warajhom. Ġanni Zammit ta' 55 sena (Il-Garru), ħalla warajh lil martu u bintu xebba ta' 23 sena; Toni Busuttil ta' 32 sena (Il-Mafjaben) halla mara u tlett itfal l-akbar ta' seba' snin; Ġużeppi Borg ta' 20 sena (Is-Sekinki) mill-Imsida, ġuvni; Ġużeppi Zammit ta' 23 sena (Gianciu) ħalla mara u erbat itfal, il-kbir għaxar snin u ż-żgħir ta' tmien xhur; Ġużeppi Vella ta' 28 sena (Iċ-Ċaqñi) ħalla mara u żewġt itfal ta' ħames snin u tmien xhur; Franġisk Bonnici ta' 19-il sena(Il-Kora) ħalla mara li kien iżżewweġ ħmistax-il ġurnata qabel; Ġużeppi Bonnici ta' 44 sena (Tal-Grems) halla mara u erbat itfal bejn l-14-il sena u 15-il xahar; Salvu Cappello ta' 38 sena (Ta' Fieres) ħalla mara u tlett itfal bejn 12-il sena u sena; Ċensu Mifsud ta' 23 sena (Iċ-Ċinkwini) ħalla mara u tlett itfal l-iżgħar ta' tmien xhur; Wenzu Grima ta' 35 sena (Il-Fieres) ġuvni li kien imantni lil ommu u żewġ ħutu xebbiet.

## Il-Ħaddiem jaqlagħha ħtija ta' ħaddieħor

Xhud importanti f'dan il-każ kien il-Maġġur Porter li fix-xhieda tiegħu kellu kliem iebes ħafna dwar din id-diżgrazzja flimkien mal-periklu li kienu jaħdmu fih dawk il-ħaddiema, fejn ta spjegazzjoni dettaljata ħafna dwar l-imħażen u l-ħitan li kienu jisseparaw maħżen mill-ieħor. Xehed li dawn il-ħitan ma kienux b'saħħithom biżżejjed u ma kellhomx dniefel kull tmien piedi, biex ikun jifilħu għal dak it-tunnellaġġ ta' faħam ġo fihom. Hawn qal ukoll li dawk l-imħażen ma kellhomx jintużaw aktar u li għandhom jiġu maħtuta u jsiru oħrajn ġodda aktar b'saħħithom.

Wara xhieda bħal din, il-qorti ordnat li l-imħażen għandhom jiġu mbattla u ma jerġgħux jiġu wżati. Billi din il-kumpanija ma setgħetx twaqqaf dan il-kummerċ tal-faħam, hija ġiet mogħtija biċċa art in-naħa l-oħra tal-port, jiġifieri lejn Ta' Xbiex, fejn ġew mibnija mħażen ġodda, flimkien ma' ħwienet tax-xogħol, taħt is-sorveljenza ta' periti, biex jaraw li jkunu b'saħħithom biżżejjed għall-piż ta' ġo fihom.

Kien hemm ħafna affarijiet oħra x'wieħed jikteb dwar din id-diżgrazzja, iżda minħabba l-ispazju ma nistgħux intawwlu aktar.

| | |
|---|---|
| **Ħajr:** | Fr. Joe Calleja, Msida, Kunsill Lokali Msida, u Kan. Joe Abela, Żejtun. |
| **Referenzi:** | Jien u l-Kunsill Tiegħek, Msida Mejju 1999; Arkivju Santu Spirtu, Rabat - Rapport Maġistrat; L'Ordine, Giornale Politico Religioso, 23/7/1858; The Times and United Services Gazette, 20/7/1858. |